Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 05/17

**AVVIŻI**

**29 ta' Jannar 2017**

Illum issir il-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-parroċċa. Grazzi tal-ġenerożità.

Nhar il-Ħamis 2 ta' Frar niċċelebraw il-Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju. Fis-6.15pm isir it-tberik tax-xemgħa u quddiesa. Fi tmiem il-quddiesa ssir l-inawgurazzjoni tax-xahar ta' missjoni fil-parroċċa u ż-żjara tal-kopja tal-Liżar ta' Kristu.

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar – l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar – ikun hawn quddiesa għat-tfal fil-Knisja fl-4.30pm.

Nhar is-Sibt 4 ta' Frar jibda l-Oratorju għat-tfal u adolexxenti. Niltaqgħu fit-3pm ħdejn il-Knisja. Ikun hemm laqgħat ta' formazzjoni, talb, logħob u ikel. Fis-6.15pm issir quddiesa għall-familji bis-sehem tat-tfal. Fl-okkażjoni ta' "Jum il-Ħajja" fi tmiem il-quddiesa ssir talba speċjali għall-ommijiet tqal, trabi, tfal u anzjani.

Qed joqrob ir-Randan u qed isiru diskussjonijiet dwar id-dramm tal-passjoni li jsir fil-parroċċa. Min jixtieq jieħu sehem għandu jinkiteb biex inkunu nafu kemm sa jkun hemm atturi. Skont kemm ikun hemm atturi sal-Ħadd 5 ta' Frar ikun deċiż jekk dan id-dramm hux sa jsir din is-sena.